MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 9/2008

**Alfred u Josephine konjugi Zarb**

**vs**

**Mondial Travel Agency**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-17 ta' Jannar 2008 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf tliet mija sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1397.62) rapprezentanti parti minn prezz imhallas ghal 'cruise' illi kellu xi nuqqasijiet.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tal-kumpanija intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti issottometta illi huwa bbukkja u hallas is-somma ta' erbat elef erba’ mija erbgha u sebghin euro (€4474) ghal 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata fuq il-vapur 'NCL Dream' ghal "Scandinavian & Baltic Capitals tour" mad-ditta intimata bl-attrazzjoni ewlenija tkun illi jara l-vapur inizzel ic-cumnija meta dan jghaddi mill-'Kiel Canal'.

Ir-rikorrenti ssottometta wkoll illi meta fid-9 ta' Awissu filghodu kien fl-ajruport biex jitlaq minn Malta ghal Gatwick, hu gie nfurmat mit-'tour leader' ta’ l-agenzija intimata sabiex jerga’ jirritorna lura d-dar ghaliex l-ajruplan kien ser jitlaq tard u ghalhekk ma kienux ser jaslu fil-hin sabiex jitla' fuq il-vapur qabel ma dan jitlaq minn Dover. Ir-rikorrenti kellu jitlaq minn Malta l-ghada filghodu u minflok ma mar l-Ingilterra kellu jmur il-Germanja. Minn hemmhekk qabad il-vapur bir-rizultat illi, minbarra li tilef aktar minn gurnata u lejl mill-'cruise' tilef ukoll l-attrazzjoni specjali illi jara l-vapur inizzel ic-cumnija hekk kif ikun ghaddej minn 'Kiel Canal'.

L-intimat issottometta illi l-ilment tar-rikorrenti huwa dovut ghall-fatt li t-titjira ta' l-Air Malta lejn Gatwick ittardjat hafna bil-konsegwenza illi r-rikorrenti ma kienx ser jasal Dover fil-hin sabiex jitla' fuq il-vapur.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti telaq minn Malta l-ghada u mar il-Germanja minn fejn qabad il-vapur.

It-Tribunal ikkonsidra l-konferma tal-fatti bil-gurament mit-'tour leader' ta' l-istess agenzija intimata.

It-Tribunal jinnota illi

Ir-rikorrenti bbukkja 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata ma’ l-agenzija intimata u ta' dan hallas is-somma ta' erbat elef erba’ mija erbgha u sebghin euro (€4474), izda meta kien diga fl-ajruport gie nfurmat mit-'tour leader' tal-agenzija intimata sabiex jerga jirritorna d-dar ghaliex l-ajruplan kien ser jittardja u ma kienx ser jasal Dover fil-hin biex jilhaq jitla' fuq il-vapur.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti kellu jitlaq minn Malta l-ghada b'konsegwenza illi tilef aktar minn gurnata u lejl minn 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata kif ukoll tilef l-ispettaklu ta’ l-inzul tac-cumnija hekk kif il-vapur ikun ghaddej minn 'Kiel Canal'.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li nnota illi r-rikorrenti tilef aktar minn gurnata u lejl minn 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata, kif ukoll tilef l-ispettaklu illi jsir biss meta vapur jghaddi mill-'Kiel Canal', u wara illi nnota illi r-rikorrenti kien diga fl-ajruport meta gie mitlub jirritorna lura d-dar, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt euro (€600) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

Id-ditta intimata appellat minn din id-decizjoni bil-kritika generali illi din hi nieqsa minn razzjonalita` u dan jaghmilha karenti mal-principju ta’ gustizzja naturali.

Principalment, hi ticcensura lit-Tribunal ghaliex dan naqas milli, adegwatament, jikkonsidra l-eccezzjoni taghha;

In sinstesi, l-argomenti li d-ditta appellanti tadduci in sostenn tal-gravam taghha huma dawn li jsegwu:-

(i) It-twettiq u l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kontrattwali hija mhollija interament fl-arbitriju tad-debitur ta' l-obbligazzjoni;

(ii) L-inadempjenza tista' tkun konsegwenza jew ta' fattur dipendenti mid-debitur innifsu jew, ukoll, indipendentement mill-volonta` tieghu;

(iii) L-Artikolu 1134 tal-Kodici Civili jezenta lid-debitur mir-responsabilita fil-kaz ta' forza magguri jew accident;

(iv) L-inadempjenza taghha fil-kaz specifiku kienet wahda temporanja dovuta ghall-avveniment imprevidibbli, estraneju ghaliha u indipendenti u awtonomu minnha;

(v) Ghalkemm konsapevoli li tezisti gurisprudenza li ssostni li l-kaz fortuwitu hu eskluz meta jkun hemm att posittiv jew negattiv tal-bniedem, hi ma taqbelx ma' dan in kwantu dik l-enuncjazzjoni ta' dritt ma hijiex ezatta u ma tirrispekkjax la l-ligi u lanqas id-duttrina in materja;

Il-fatti tal-kawza ma jidhrux li huma kkontestati. L-appellati kkuntrattaw *cruise* ta' tnax-il gurnata mad-ditta intimata. Fil-jum mahsub ghal din il-gita, l-ajruplan ittardja u, skond id-ditta appellanti, dan l-intopp imprevvist wassal biex l-appellati kellhom isiefru l-ghada. Il-konsegwenza ta' dan ir-ritard gab li l-appellati tilfu gurnata u lejl mill-*cruise* ppjanat;

Premess dan, hu dispost mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili, illi "kull min jonqos li jezegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni". L-istess Kodici

Civili fl-Artikolu 1133 jikkreja l-presunzjoni tal-htija fl-obbligat, sew minhabba li jkun naqas ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jiprovax illi n-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kellux htija.  Johrog minn dan l-artikolu illi jaggrava fuq id-debitur il-piz tal-prova li l-inadempiment ma kienx tort tieghu.  Hu htieglu juri li l-kawza preciza li ddeterminat l-inezekuzzjoni jew ir-ritard ma kienet bl-ebda mod rikollegata mal-persuna tieghu jew ma' xi mgieba tieghu;

Il-"haga barranija" li jsemmi t-test tal-ligi fl-artikolu succita hi identifikata minn dak l-event straordinarju jew imprevvedibbli ezemplifikati miz-zewg koncetti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri li jippreciza l-Artikolu 1134, Kodici Civili.  Hemm qbil ma' certa osservazzjoni tad-ditta appellanti illi dik hi biss klassifikazzjoni teorika in kwantu fil-prattika d-distinzjoni bejn iz-zewg koncetti ma tqumx u, spiss drabi, sew il-ligi sew id-dottrina legali, tqishom indistintament;

Ipprecizat dan, hu vitali li min hu msejjah biex jinterpreta l-fatt ghall-iskop tal-gudizzju ta' l-imputabilita`, o meno, tal-"haga barranija" illi jikkonsidra x-xorta tal-kuntratt, il-kwalita tal-kontraenti, u l-mezzi adoperati ghall-adempiment tal-prestazzjoni.  Fl-ispecje, il-kuntratt *de quo* hu wiehed regolat mill-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378) u, skond id-disposizzjonijiet varji tieghu, dawn jimponu obbligi ferm estensivi fuq il-kummercjant ghat-tutela tal-konsumatur.  Mhix allura korretta d-ditta appellanti fejn din tissottometti illi t-twettiq u l-ezekuzzjoni tal-kuntratt hu mholli fid-diskretiva arbitrali taghha.  Anzi, tali sottomissjoni, hi dijammetrikalment bil-kontra ta' dak it-trattament paritarju skond l-ispirtu tal-ligi specjali;

Affermat dan, hi t-tezi sostanzjali tad-ditta appellanti illi l-inezekuzzjoni tal-prestazzjoni minnha kienet wahda temporanja, dovuta mhux ghal xi inadempiment da parti

taghha izda ghal fatt tat-terz ossija, f'dan il-kaz, il-kumpanija ta' l-ajru Air Malta li naqset milli tipprovdi ajruplan fil-jum stabbilit ghall-garr ta' l-appellati u passiggiera ohra. Huwa f'din il-prospettiva li d-ditta appellanti tavvanza t-teoretika illi dik l-effikacja kawzali tar-ritard fl-adempiment da parti tat-terz kellha tikkwalifika bhala *casus* fir-rapport obbligatoju taghha ghar-realizzar ta' l-interessi ta' l-appellati;

Il-**Baudry-Lacantinerie** ("**Delle Obbligazioni**", Vol. I, para. 455 pagna 504) wara li jillustra b'ezemplari x'jikkostitwixxi kaz fortuwitu u forza magguri, jissokta jispjega dan li gej:-

"*Notiamo a questo proposito che la colpa d'un terzo, che rende impossibile l'adempimento d'una obbligazione, nei rapporti tra le parti costituisce un caso fortuito o di forza maggiore, a meno tuttavia che non si tratti d'un terzo, degli atti del quale il debitore sia responsabile*";

In tema ghal dan li nghad u bl-applikazzjoni tal-principju suddett il-Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar, 1930 fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Micallef -vs- Negte. Gius Gasan *nomine***", trattasi minn vertenza ta' dewmien ta' vapur ghat-trasport ta' basal minn Malta ghal Trieste ikkuntrattat mal-kovenut *nomine*, irriteniet "*che il convenuto si è reso non solo responsabile dei fatti del terzo, ma anche garantito l'arrivo nei giorni indicati e la caricazione da seguire entro quei giorni. Inoltre il citato si assume quella responsabilita` indipendentemente dal fatto di colui col quale ha contrattato, ne ha messo il ritardo come condizione coi caricatori e quindi egli non puo esonerarsi dal pagamento dei danni*";

Jinzel minn dan illi l-intervent tat-terz, bhala kawza ta' forza magguri, irid jigi valutat fil-konkret billi wiehed ma jistax awtomatikament jeskludi illi d-debitur ta' obbligazzjoni jibqa' responsabbli *vis-à-vis* il-kreditur tieghu ghas-sitwazzjoni li tkun ingiebet fis-sehh. Id-ditta

appellanti ma setghatx sempliciment tallega l-fatt tat-terz (l-Air Malta) biex teskludi r-responsabilita` taghha ghall-adempiment tardiva ta' l-obbligazzjoni assunta minnha u derivanti mill-kuntratt taghha ma' l-appellati. Ir-riskju ta' dik l-eventwalita tar-ritard ta' l-ajruplan hu spiss kompriz fl-attivita` taghha ta' organizzatur ta' vakanzi. Tabilhaqq, id-diligenza li jsemmi l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili jinnecessita li tali diligenza tigi apprezzata in rigward ghal dik l-attivita` taghha, anke ghaliex kienet hi li kkontrattat it-trasport ghall-iskop tal-*cruise*. Mhux accettabbli allura illi hi tghaddi dak ir-riskju fuq il-konsumatur li, in buona fede, jkun ippresta l-fiducja tieghu fuq id-diligenza organizzattiva taghha bl-aspettattiva ta' vakanza minghajr xkiel u bla telf ta' godiment, anke ekonomika, tal-btala prexxelta;

Taqbel jew ma taqbelx d-ditta appellanti mal-fehma espressa f'certa gurisprudenza li esponiet it-tezi illi l-kaz fortuwitu jew il-forza maggura ma jehilsux mir-responsabbilita` ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni (ara fost ohrajn **Kollez. Vol. XVIII P II p 164**; **Vol. XXIV P I p 172** u **Vol. XXX P II p 142**) jibqa' l-fatt li kien hemm inadempiment, anke jekk temporanju, ta' l-ezsekuzzjoni tal-kuntratt konkordat u ghal dan, fil-fattispeci, u in bazi ghan-normi dixxiplinari taht il-Kapitolu 378, ghandha taghmel tajjeb id-ditta appellanti ghax, jekk hemm htiega jigi ripetut, l-effikacja kawzali tal-fatt tal-Air Malta li maghha hi kkuntrattat kienet tirrientra fl-ambitu tar-responsabilitajiet assunti minnha di fronte ghall-appellat.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra d-ditta intimata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------